KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 18 ta' Jannar 2011 (10.02)
(OR. en)

5455/11

PUBLIC 1

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL NOVEMBRU 2010 |

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Novembru 2010.[1] [2]

– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet ( http://consilium.europa.eu/ ) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

## LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL

## F'NOVEMBRU 2010

**It-3043 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Novembru 2010**

*Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
*ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119*

*Regolament (UE) Nru 1091/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa*
*ĠU L 329, 14.12.2010, p. 1-2*

*2010/687/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni*
ĠU L 294, 12.11.2010, p. 9–9

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija u r-rispons fil-każ ta' attakk CBRN*
15465/10

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar ENFAST - Netwerk Ewropew għall-Iskwadri ta' Tiftix Attiv ta' Persuni Maħrubin*
15382/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja*
15358/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet innovattivi rigward finanzjament għall-prevenzjoni ta' diżastri*
14971/10

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-forniment ta' parkeġġi siguri għat-trakkijiet*
12083/4/10 REV 4

2010/682/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fis-Slovakkja
ĠU L 293, 11.11.2010, p. 58–59

*2010/689/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-Data dwar id-DNA fis-Slovakkja*
ĠU L 294, 12.11.2010, p. 14–14

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' riskji għas-saħħa u riskji soċjali assoċjati mal-użu ta' drogi illeċiti f'ambjenti rikreattivi*
15452/10

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/677/PESK tat-8 ta' Novembru 2010 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 98/409/PESK li jikkonċerna s-Sierra Leone*
ĠU L 292, 10.11.2010, p. 39–39
14864/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2010 dwar il-Politiki tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp u l-Assistenza Esterna u l-Implimentazzjoni tagħhom fl-2009*
14908/10

*2010/676/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea*
ĠU L 292, 10.11.2010, p. 1–1

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni*
13607/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja*
15358/10

**It-3045 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-17 ta' Novembru 2010**

*Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku*
ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162–164

*Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku*
ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1–11

*Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE*
ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12–47

*Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE*
ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

*Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE*
ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84-119

*Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

*Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*
ĠU L 311, 26.11.2010, p. 9-14

*Regolament (UE, Euratom) Nru 1080/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra ta' dawk il-Komunitajiet*
ĠU L 311, 26.11.2010, p. 1-8

*Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 325, 9.12.2010, p. 1–3

*2010/740/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Zuid Holland, Diviżjoni 58 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 37–37

*2010/744/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 41–41

*2010/741/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland Diviżjoni 18 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010

*2010/742/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/028 NL/Limburg Diviżjoni 18 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 39–39

*2010/743/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f’konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 40–40

*2010/746/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f’konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/030 NL/Drenthe Diviżjoni 18 mill-Olanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 43–43

*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1030/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009*
ĠU L 300, 17.11.2010, p. 1–15

*Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1064/2010 tas-17 ta’ Novembru 2010 li jġib fit-tmiem ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping u kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta’ tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja*
ĠU L 304, 20.11.2010, p. 2–6

*Linji Gwida dwar il-Protezzjoni Konsulari taċ-Ċittadini tal-UE f'Pajjiżi Terzi*
15613/10

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/694/PESK tas-17 ta' Novembru 2010 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea*
ĠU L 303, 19.11.2010, p. 13–13

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2011, inkluż l-ewwel pagament għall-2011*
15831/10 + REV 1 (ro)

*DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-15 ta' Marzu dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Firxa Wiesgħa għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u tal-Formazzjoni tal-Ożonu fil-Livell tal-Art*
13719/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Klima*
17074/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-pensjonijiet*
15885/10 + COR 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE*
15908/10

**It-3046 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT), li saret fi Brussell fit-18 u d-19 ta' Novembru 2010**

*2010/757/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 għan-nomina tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2015 fil-Belġju*
ĠU L 322, 8.12.2010, p. 42–42

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014*
*ĠU C 325, 2.12.2010, p. 1–9*

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kultura fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali*
ĠU C 324, 1.12.2010, p. 16–17

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-patrimonju ċinematografiku Ewropew, inklużi l-isfidi tal-era diġitali*
ĠU C 324, 1.12.2010, p. 1–4

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar l-opportunitajiet u l-isfidi għaċ-ċinema Ewropea fl-era diġitali*
ĠU C 323, 30.11.2010, p. 15–17

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar id-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport*
ĠU C 322, 27.11.2010, p. 1–2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva*
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 5–8

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rwol tal-UE fil-ġlieda internazzjonali kontra d-doping*
ĠU C 324, 1.12.2010, p. 18–18

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-perijodu 2011-2020*
ĠU C 324, 1.12.2010, p. 5–15

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva Żgħażagħ f'Moviment – approċċ integrat bi tweġiba għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ*
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 9–11

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-ħiliet bażiċi fil-kuntest tal-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel għas-seklu 21*
ĠU C 323, 30.11.2010, p. 11–14

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-edukazzjoni għal żvilupp sostenibbli*
ĠU C 327, 4.12.2010, p. 11–14

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ*
ĠU C 327, 4.12.2010, p. 1–5

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għall-kultura*
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 2–3

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-Aġendi tal-Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażagħ u d-Drittijiet tat-Tfal*
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 1–1

**It-3047 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010**

*2010/745/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba*

ĠU L 318, 4.12.2010, p. 42–42

*2010/710/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2010 li tawtorizza lill-Ġermanja, lill-Italja u lill-Awstrija jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE u li temenda d-Deċiżjoni 2007/250/KE biex jiġi estiż il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni mogħtija lir-Renju Unit*
ĠU L 309, 25.11.2010, p. 5–6

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata*
15179/10

**It-3048 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010**

*2010/726/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2010 dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea*
ĠU L 313, 30.11.2010, p. 1–2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan*
16877/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu*
16725/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq*
16840/10

**It-3049 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU), li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Novembru 2010**

*Regolament (UE) Nru 1211/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa*
ĠU L 339, 22.12.2010, p. 6–7

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-effettività tal-iskemi ta' sostenn għall-Istudji fid-Disinn u l-Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda taħt is-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka*
15267/10

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Sfidi globali: nieħdu l-benefiċċju sħiħ mis-sistemi spazjali Ewropej*
16864/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020: "Unjoni tal-Innovazzjoni": Inħaffu t-trasformazzjoni tal-Ewropa permezz tal-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel malajr*
17165/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Progress fil-proċess ta' Pprogrammar Konġunt*
17166/10

**It-3050 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2010**

*Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1–16

*Direttiva 2010/84/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li temenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 348, 31.12.2010, p. 74–99

*Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999*
ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17–33

*Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni*
ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1–5

*2010/809/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEAG/2010/014 SI/Mura mis-Slovenja)*
ĠU L 342, 28.12.2010, p. 21–21

*2010/811/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEAG/2010/018 DE/Heidelberger Druckmaschinen mill-Ġermanja)*
ĠU L 342, 28.12.2010, p. 23–23

*DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Konġunt rigward l-emendar tal-Appendiċi 1, 2, 5, 6, 10 u 11 tal-Anness 11 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli*
15674/10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar It-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE: Dokument ta' Strateġija dwar l-Enċefalopatiji Sponġiformi Trasmissibbli għall-2010 - 2015*
13889/10 ADD1 REV 1 +ADD1 REV 1 COR 1 (lv) + ADD1 REV 2 (da)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates*
15620/1/10 ADD 1 REV 2 +ADD 1 REV 2 COR 1 (es) +ADD 1 REV 3 (sv) +ADD 1 REV 4 (fr)

*2010/783/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros*
OJ L 335, 18.12.2010, p. 1–1

*Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1212/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros*
OJ L 335, 18.12.2010, p. 19–20 15573/10

*Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1124/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2011 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku*
*OJ L 318, 4.12.2010, p. 1–9*

*Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan*
OJ L 315, 1.12.2010, p. 1–15

*2010/748/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud*
OJ L 318, 4.12.2010, p. 45–46

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI**
**NOVEMBRU 2010**

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| **It-3043 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Novembru 2010** | | | |
| Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 31/10<br>+ COR 1 (pt)<br>+ COR 2 (fr)<br>+ COR 3 (cs)<br>+ REV 1 (lt)<br>+ REV 2 (nl)<br>+ REV 3 (pl)<br>+ REV 4 (ro) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Il-Ġermanja għad għandha tħassib dwar l-applikazzjoni wiesgħa tal-klawsola ta' deroga fl-Artikolu 15(4) tal-abbozz ta' Direttiva. Madankollu dan it-tħassib ser jitwarrab, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' falliment totali tal-proċedura sħiħa ta' reviżjoni. Meta mqabbel mad-Direttiva tal-IPPC (prevenzjoni u kontroll integrat tat-tniġġis) fis-seħħ, l-abbozz ta' Direttiva fih titjib essenzjali, li għandhu jinżamm, bħal pereżempju l-introduzzjoni ta' obbligu ġdid ta' verifika għall-Kummissjoni tal-UE għal ħtiġijiet minimi rigward il-limitu ta' emissjonijiet, tisħiħ fundamentali tal-applikazzjoni tal-aħjar tekniki disponibbli permezz ta' stabbiliment obbligatorju tal-limitu ta' emissjonijiet mill-marġini tad-dokumenti BREF, żieda ċara tal-ħtiġijiet tal-impjanti ta' kombustjoni, stabbiliment ta' ħtiġijiet uniformi għall-unitajiet ta' kontroll

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1091/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa | PE-CONS 50/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jneħħu l-obbligu tal-viża għal dawk iċ-ċittadini tal-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina li huma detenturi ta' passaporti bijometriċi.

Il-Kummissjoni tenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza kbira li tagħti lill-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri meħudin mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex jissodisfaw fit-tul il-punti ta' referenza tal-pjani direzzjonali għall-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-sistema tal-viża.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qiegħda ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' segwitu li ser ikopri fost l-oħrajn, il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà tad-dokumenti, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' riammissjoni u l-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi kkonċernati.

Dan is-segwitu ser ikun parti integrali mir-rapporti ta' progress annwali tal-Kummissjoni dwar il-progress tar-riformi f'dawn il-pajjiżi.

Huwa ser jiġi wkoll trattat sistematikament fil-Kumitati rilevanti tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Barra minn hekk, dan il-mekkaniżmu għandu jkun ikkompletat permezz tal-istabbiliment ta' modi speċifiċi li bihom id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi, jistgħu jżommu l-popolazzjonijiet tagħhom informati sabiex jimpedixxu r-riskji relatati mal-abbuż tal-proċeduri ta' asil.

Ser jiġu introdotti arranġamenti ta' konsultazzjoni ta' emerġenza sabiex l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jirreaġġixxu, fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi, għal kwalunkwe diffikultà speċfika li tista' tirriżulta mill-flussi ta' persuni mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

F'każ li Stat Membru wieħed jew aktar ikunu f'sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn influssi f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiż terz wieħed jew aktar, inklużi l-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill li jadotta miżuri proviżorji għall-benefiċċju tal-Istati kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 78 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u s-sospensjoni rapida tal-liberalizzazzjoni tal-viżi.

Il-Kummissjoni ser tirrapporta regolament lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, sa minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u bl-użu b'mod partikolari tar-riżultati tal-ħidma tal-esperti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-informazzjoni rilevanti li jistgħu jkunu jafu biha l-Istati Membri. F'każ ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu preċedenti, il-Kummissjoni ser tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew permezz ta' rapport ad hoc.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3045 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-17 ta' Novembru 2010** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku | 13694/10 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku | PE-CONS 39/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE | PE-CONS 40/2/10 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE**

Rigward il-proċess għall-adozzjoni ta' standards regolatorji, il-Kummissjoni tenfasizza l-karattru uniku tas-settur tas-servizzi finanzjarji, b'segwitu tal-istruttura ta' Lamfalussy u rrikonoxxut espliċitament fid-Dikjarazzjoni 39 tat-TFUE. Madankollu, il-Kummisjoni għandha dubji serji dwar jekk ir-restrizzjonijiet fuq ir-rwol tagħha meta tadotta atti delegati u timplimenta miżuri humiex konformi mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' poteri ta' sorveljanza fuq aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u oqsma oħra**<br>Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq qbil biex jingħataw ċerti poteri ta' sorveljanza lill-ESMA (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), fir-rigward ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Kummissjoni tikkonsidra li jista' jkun utli, fil-futur, li jingħataw setgħat ta' sorveljanza lill-Awtoritajiet Ewropej f'oqsma oħra. B'mod partikolari, dan jista' jikkonċerna ċerti infrastrutturi tas-suq. Il-Kummissjoni ser teżamina dawn il-kwistjonijiet bir-reqqa u ser tagħmel il-proposti leġislattivi li jidhrilha li huma adegwati.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-maniġġar u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet**<br>Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2010 dwar Fondi ta' Riżoluzzjoni Bankarja, il-Kummissjoni enfasizzat li 'l-ewwel pass xieraq ikun sistema bbażata fuq l-istabbiliment ta' netwerk armonizzat ta' fondi nazzjonali marbuta ma' sett ta' arranġamenti nazzjonali koordinati ta' maniġġar tal-kriżijiet'.<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li għandha l-intenzjoni tagħmel proposti leġislattivi għal sett ta' għodda komplut għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti fir-rebbiegħa tal-2011. Dan jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jirrisolvu l-istituzzjonijiet finanzjarji inadempjenti filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' fallimenti fuq is-sistema finanzjarja, b'hekk tiġi limitata l-ħsara fuq l-ekonomija u l-użu ta' riżorsi tas-settur pubbliku.<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Ewropej (ESA) għandu jkollhom rwol importanti f'dawn l-oqsma u li hija ser teżamina liema poteri li jikkonċernaw l-għodda għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti għandhom jingħataw lilha.<br>Dawn l-arranġamenti huma l-ewwel pass u għandhom jiġu rieżaminati sal-2014 bil-għan li jinħolqu arranġamenti integrati tal-Unjoni ta' maniġġar u superviżjoni tal-kriżijiet, kif ukoll bħala Fond ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni aktar fit-tul. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE | PE-CONS 41/2/10 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE**

Rigward il-proċess għall-adozzjoni ta' standards regolatorji, il-Kummissjoni tenfasizza l-karattru uniku tas-settur tas-servizzi finanzjarji, b'segwitu tal-istruttura ta' Lamfalussy u rrikonoxxut espliċitament fid-Dikjarazzjoni 39 tat-TFUE. Madankollu, il-Kummisjoni għandha dubji serji dwar jekk ir-restrizzjonijiet fuq ir-rwol tagħha meta tadotta atti delegati u timplimenta miżuri humiex konformi mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' poteri ta' sorveljanza fuq aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u oqsma oħra**

Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq qbil biex jingħataw ċerti poteri ta' sorveljanza lill-ESMA (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), fir-rigward ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Kummissjoni tikkonsidra li jista' jkun utli, fil-futur, li jingħataw setgħat ta' sorveljanza lill-Awtoritajiet Ewropej f'oqsma oħra. B'mod partikolari, dan jista' jikkonċerna ċerti infrastrutturi tas-suq. Il-Kummissjoni ser teżamina dawn il-kwistjonijiet bir-reqqa u ser tagħmel il-proposti leġislattivi li jidhrilha li huma adegwati.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-maniġġar u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet**

Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2010 dwar Fondi ta' Riżoluzzjoni Bankarja, il-Kummissjoni enfasizzat li "l-ewwel pass xieraq ikun sistema bbażata fuq l-istabbiliment ta' netwerk armonizzat ta' fondi nazzjonali marbuta ma' sett ta' arranġamenti nazzjonali koordinati ta' maniġġar tal-kriżijiet".

Il-Kummissjoni tikkonferma li għandha l-intenzjoni tagħmel proposti leġislattivi għal sett ta' għodda komplut għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti fir-rebbiegħa tal-2011. Dan jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jirrisolvu l-istituzzjonijiet finanzjarji inadempjenti filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' fallimenti fuq is-sistema finanzjarja, b'hekk tiġi limitata l-ħsara fuq l-ekonomija u l-użu ta' riżorsi tas-settur pubbliku.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Ewropej (ESA) għandu jkollhom rwol importanti f'dawn l-oqsma u li hija ser teżamina liema poteri li jikkonċernaw l-għodda għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti għandhom jingħataw lilha.

Dawn l-arranġamenti huma l-ewwel pass u għandhom jiġu rieżaminati sal-2014 bil-għan li jinħolqu arranġamenti integrati tal-Unjoni ta' maniġġar u superviżjoni tal-kriżijiet, kif ukoll bħala Fond ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni aktar fit-tul.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE | PE-CONS 42/2/10 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE**

Rigward il-proċess għall-adozzjoni ta' standards regolatorji, il-Kummissjoni tenfasizza l-karattru uniku tas-settur tas-servizzi finanzjarji, b'segwitu tal-istruttura ta' Lamfalussy u rrikonoxxut espliċitament fid-Dikjarazzjoni 39 tat-TFUE. Madankollu, il-Kummisjoni għandha dubji serji dwar jekk ir-restrizzjonijiet fuq ir-rwol tagħha meta tadotta atti delegati u timplimenta miżuri humiex konformi mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' poteri ta' sorveljanza fuq aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u oqsma oħra**

Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq qbil biex jingħataw ċerti poteri ta' sorveljanza lill-ESMA (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), fir-rigward ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Kummissjoni tikkonsidra li jista' jkun utli, fil-futur, li jingħataw setgħat ta' sorveljanza lill-Awtoritajiet Ewropej f'oqsma oħra. B'mod partikolari, dan jista' jikkonċerna ċerti infrastrutturi tas-suq. Il-Kummissjoni ser teżamina dawn il-kwistjonijiet bir-reqqa u ser tagħmel il-proposti leġislattivi li jidhrilha li huma adegwati.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-maniġġar u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet**

Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2010 dwar Fondi ta' Riżoluzzjoni Bankarja, il-Kummissjoni enfasizzat li "l-ewwel pass xieraq ikun sistema bbażata fuq l-istabbiliment ta' netwerk armonizzat ta' fondi nazzjonali marbuta ma' sett ta' arranġamenti nazzjonali koordinati ta' maniġġar tal-kriżijiet".

Il-Kummissjoni tikkonferma li għandha l-intenzjoni tagħmel proposti leġislattivi għal sett ta' għodda komplut għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti fir-rebbiegħa tal-2011. Dan jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jirrisolvu l-istituzzjonijiet finanzjarji inadempjenti filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' fallimenti fuq is-sistema finanzjarja, b'hekk tiġi limitata l-ħsara fuq l-ekonomija u l-użu ta' riżorsi tas-settur pubbliku.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Ewropej (ESA) għandu jkollhom rwol importanti f'dawn l-oqsma u li hija ser teżamina liema poteri li jikkonċernaw l-għodda għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek inadempjenti għandhom jingħataw lilha.

Dawn l-arranġamenti huma l-ewwel pass u għandhom jiġu rieżaminati sal-2014 bil-għan li jinħolqu arranġamenti integrati tal-Unjoni ta' maniġġar u superviżjoni tal-kriżijiet, kif ukoll bħala Fond ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni aktar fit-tul.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 43/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tad-Direttiva Omnibus / Adattament għat-Trattat ta' Lisbona**

MiFID: Il-Kummissjoni qed tirrevedi d-Direttiva dwar is-Swieq ta' Strumenti Finanzjarji (MiFID) u, jekk meħtieġ, ser tipproponi titjib għad-Direttiva. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser teżamina, fost affarijiet oħrajn, modi li jsaħħu t-trasparenza ta' qabel u wara l-kummerċ, inklużi r-regoli u l-arranġamenti meħtieġa mis-swieq irregolati, u kwalunkwe emenda meħtieġa biex tiġi aġġustata d-Direttiva għat-Trattat ta' Lisbona.

MAD: Il-Kummissjoni qed tirrevedi d-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser teżamina, fost affarijiet oħrajn, kwalunkwe emenda meħtieġa biex tiġi aġġustata d-Direttiva għat-Trattat ta' Lisbona.

Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji: Il-Kummissjoni qed tirrevedi d-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji (FICOD). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser teżamina, fost affarijiet oħrajn, kwalunkwe emenda meħtieġa biex tiġi aġġustata d-Direttiva għat-Trattat ta' Lisbona.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-Omnibus dwar id-Direttiva dwar it-trasparenza / rappurtar pajjiż pajjiż**

Il-Kummissjoni biħsiebha tħejji Komunikazzjoni li tevalwa l-fattibbiltà li ssir talba lil ċerti emittenti ta' titoli li s-sigurtajiet tagħhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li jħejju kontijiet konsolidati, biex fir-rapport finanzjarju annwali jagħtu informazzjoni finanzjarja ewlenija rigward l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Din il-Komunikazzjoni tista' tidentifika t-tip ta' emittenti li jistgħu jkunu kkonċernati; l-informazzjoni finanzjarja li tkun sinifikanti għal investituri u partijiet interessati oħrajn, kif ukoll kif din l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata. Il-Kummissjoni tista' tieħu kont dovut tal-progress li sar dwar din il-kwistjoni mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB). Il-Kummissjoni biħsiebha tħejji l-Komunikazzjoni sat-30 ta' Settembru 2011, wara li tkun ikkonsultat lill-ESMA. Il-Komunikazzjoni tista' tindirizza wkoll l-impatt possibbli ta' dawn il-miżuri, u jista' jittieħed kont tagħha fit-twettiq tar-reviżjoni tad-Direttiva 2004/109/KE.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | PE-CONS 53/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ser tindirizza l-kwistjoni tal-istrument tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-ħsieb li tintegrah fil-baġit tal-Unjoni fil-qafas tal-proposti tagħha relatati mal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. | | | |
| Regolament (UE, Euratom) Nru 1080/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra ta' dawk il-Komunitajiet | PE-CONS 52/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar il-bilanċ ġeografiku fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)**<br>Ir-Rappreżentant Għoli tagħti l-akbar importanza lir-reklutaġġ fuq bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll biex fis-Servizz jiġi żgurat numru kbir biżżejjed ta' ċittadini mill-Istati Membri kollha. Is-SEAE għandu japprofitta bis-sħiħ mid-diversità u r-rikkezza tal-esperjenza u l-kompetenzi żviluppati fid-diversi ministeri tal-Affarijiet Barranin fl-Unjoni.<br>Ir-Rappreżentant Għoli ser tuża l-possibbilitajiet kollha offruti fl-applikazzjoni tal-proċedura ta' ħatra tas-SEAE bil-għan li jinkisbu dawn l-objettivi. Hija ser tiddedika kapitolu lil din il-kwistjoni fir-rapport annwali tagħha dwar l-okkupazzjoni ta' postijiet fis-SEAE. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar il-bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa fis-SEAE**<br>Ir-Rappreżentant Għoli tagħti l-akbar importanza lill-promozzjoni tal-bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjegati tas-SEAE.<br>Il-qofol tal-promozzjoni tal-bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa huwa l-inkoraġġiment ta' applikazzjonijiet min-nisa għall-postijiet fis-SEAE u t-tneħħija tal-ostakoli f'dan ir-rigward. Abbażi tal-esperjenza tal-proċedura ta' ħatra għar-rotazzjoni tal-2010 ta' Kapijiet ta' Delegazzjonijiet, is-SEAE ser jeżamina kif fil-proċeduri ta' ħatra futuri jittieħed kont aħjar tal-applikazzjoni femminili ta' spiss b'karatteristiċi nonlineari. Ir-Rappreżentant Għoli ser tidentifika wkoll l-aħjar prattiki mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali u kull meta jkun possibbli tapplikhom għas-SEAE.<br>Ir-Rappreżentant Għoli ser tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet kollha offruti bl-Artikolu 1d(2) u (3) tar-Regolament tal-Persunal għall-promozzjoni tal-impjiegi tan-nisa fis-Servizz. Ir-Rappreżentant Għoli ser tiddedika taqsima dwar il-kwistjoni tal-bilanċ bejn is-sessi fir-rapport annwali tagħha dwar l-okkupazzjoni ta' postijiet fis-SEAE.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 95(2)**<br>Il-Kummissjoni vis-à-vis ir-Rappreżentant Għoli ser debitament tagħti raġuni għal kwalunkwe opinjoni negattiva li hija tista' tesprimi dwar persuna fuq il-lista tal-kandidati. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta’ merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Test b’rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 54/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Il-Kunsill jikkonferma li l-emenda ta' din id-direttiva ma timplikax li l-proċedura regolatorja bi skrutinju għandha tiġi awtomatikament trasformata f'delega ta' setgħat skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. | | | |

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI**
**NOVEMBRU 2010**

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| **It-3047 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010** | | | |
| 2010/745/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba | 14125/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **It-3049 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU), li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Novembru 2010** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1211/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa | PE-CONS 55/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija**

Il-Bulgarija tikkonferma l-pożizzjoni tagħha li taderixxi mal-prinċipju "Ċina waħda". Din il-pożizzjoni tal-Bulgarija mhijiex ostakolu għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni mat-Tajwan fl-oqsma ekonomiċi u kulturali.

Il-Bulgarija tieħu nota tal-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri tal-UE li l-att tat-tneħħija tar-rekwiżiti tal-viża għal ċittadini tat-Tajwan bl-ebda mod ma ser jaffettwa s-sħubija strateġika komprensiva bejn l-UE u ċ-Ċina.

Il-Bulgarija tappoġġa l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi mekkaniżmu adatt għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tat-Tajwan dwar iż-żjajjar li ġejjin ta' uffiċjali għoljin Tajwaniżi lejn l-Istati Membri tal-UE.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni minn Ċipru**<br>L-adozzjoni tal-proposta ta' "mingħajr viża" hija mingħajr preġudizzju għall-istatus tat-Tajwan. Ċipru huwa marbut bis-sħiħ mal-"Politika ta' Ċina Waħda" tal-UE, li prattikament tfisser li t-Tajwan mhuwiex rikonoxxut bħala stat sovran u li ma jkun hemm l-ebda relazzjoni diplomatika jew formali mat-Tajwan.<br><br>**Dikjarazzjoni minn Malta**<br>Malta tafferma mill-ġdid li hija marbuta mal-politika ta' Ċina Waħda u tikkunsidra l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament f'dan il-kuntest. | | | |
| **It-3050 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2010** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 46/2/10 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Wara t-talba mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-gradazzjoni tal-kap tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, sabiex ma ddewwimx l-adozzjoni ta' din il-proposta importanti l-Kummissjoni timpenja ruħha li tippubblika mill-ġdid in-nota tal-post battal għall-kap li jmiss tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini bil-grad AD15 minflok AD14.<br>Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-post it-tajjeb biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni huwa d-diskussjoni orizzontali kontinwa dwar ir-rwol tal-aġenziji tal-UE fi ħdan il-grupp ta' ħidma Interistituzzjonali dwar l-aġenziji. Id-diskussjoni fuq dan l-aspett hija miftuħa fil-grupp ta' ħidma interistituzzjonali, u jekk din id-diskussjoni twassal għal konklużjonijiet differenti dwar il-livell ta' pubblikazzjoni xieraq, din il-gradazzjoni tkun tista' titqies mill-ġdid għal pubblikazzjonijiet futuri. | | | |

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TAL-VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Irlanda, Spanja, il-Finlandja u l-Isvezja<br>Mill-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' studju ta’ sikurezza ta' wara l-awtorizzazzjoni (PASS) kif propost fil-Leġislazzjoni dwar il-farmakoviġilanza (Regolament (KE) Nru 726/2004) u l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' studji mhux ta' intervent li bħalissa tingħata fid-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi (2001/20/KE), jidher li studju li ma jistax ikun klassifikat bħala prova mhux ta' intervent jitqies awtomatikament bħala prova klinika li taqa' taħt id-Direttiva 2001/20/KE.<br>Aħna ninsabu mħassba partikolarment fir-rigward tal-parti tad-definizzjoni ta' studju mhux ta' intervent fid-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi li tgħid "studju fejn il-prodott(i) mediċinali huwa/huma preskritt(i) bil-mod normali skont it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq". Kif nifhmuha aħna, dan ikun ifisser li l-istudji kollha li jindirizzaw kwistjonijiet dwar is-sikurezza li ma jaqgħux taħt it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq (kemm jekk jinvolvu użu skont prattika klinika stabbilita sew, abbuż, doża eċċessiva, użu bla tikketta, użu ħażin għal raġunijiet illegali, eċċ.) jitqiesu bħala Provi Kliniċi.<br>PASS jista' jkun ta' intervent jew mhux ta' intervent; madankollu, fil-każ ta' "PASS mhux ta' intervent", skont kif aħna nifhmu d-definizzjoni tad-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi, il-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza stabbilit skont il-bidliet proposti għar-Regolament (KE) 726/2004 ser jitħalla biss jivvaluta l-istudji "skont it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq". Għalhekk l-istudji li jindirizzaw tħassib dwar is-sikurezza li ma jaqgħux taħt Awtorizzazzjoni ta' Tqegħid fis-Suq ma jkunux jaqgħu taħt il-mandat tal-Kumitat futur dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza.<br>Aħna tal-fehma li din il-problema legali jeħtieġ tissolva matul ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi u għalhekk nitolbu li l-Kummissjoni tittratta dan ir-rieżami bħala kwistjoni ta' urġenza, bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun possibbli għall-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza (KVRF) li jivvaluta studji li jindirizzaw tħassib dwar is-sikurezza għall-użu ta' prodotti mediċinali li ma jaqgħux taħt Awtorizzazzjoni ta' Tqegħid fis-Suq.</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2010/84/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li temenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)</td><td>PE-CONS 47/4/10 REV 4</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief<br>Astensjoni: SL</td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Irlanda, Spanja, il-Finlandja u l-Isvezja**

Mill-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' studju ta' sikurezza ta' wara l-awtorizzazzjoni (PASS) kif propost fil-Leġislazzjoni dwar il-farmakoviġilanza (Regolament (KE) Nru 726/2004) u l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' studji mhux ta' intervent li bħalissa tingħata fid-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi (2001/20/KE), jidher li studju li ma jistax ikun klassifikat bħala prova mhux ta' intervent jitqies awtomatikament bħala prova klinika li taqa' taħt id-Direttiva 2001/20/KE.

Aħna ninsabu mħassba partikolarment fir-rigward tal-parti tad-definizzjoni ta' studju mhux ta' intervent fid-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi li tgħid 'studju fejn il-prodott(i) mediċinali huwa/huma preskritt(i) bil-mod normali skont it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq'. Kif nifhmuha aħna, dan ikun ifisser li l-istudji kollha li jindirizzaw kwistjonijiet dwar is-sikurezza li ma jaqgħux taħt it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq (kemm jekk jinvolvu użu skont prattika klinika stabbilita sew, abbuż, doża eċċessiva, użu bla tikketta, użu ħażin għal raġunijiet illegali, eċċ.) jitqiesu bħala Provi Kliniċi.

PASS jista' jkun ta' intervent jew mhux ta' intervent; madankollu, fil-każ ta' 'PASS mhux ta' intervent', skont il-fehim tagħna tad-definizzjoni fid-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza stabbilit f'konformità mal-bidliet proposti għar-Regolament (KE) 726/2004 ser jitħalla biss jivvaluta l-istudji 'skont it-termini tal-awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq'. Għalhekk l-istudji li jindirizzaw tħassib dwar is-sikurezza li ma jaqgħux taħt Awtorizzazzjoni ta' Tqegħid fis-Suq ma jkunux jaqgħu taħt il-mandat tal-Kumitat futur dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza.

Aħna tal-fehma li din il-problema legali jeħtieġ tissolva matul ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi u għalhekk nitolbu li l-Kummissjoni tittratta dan ir-rieżami bħala kwistjoni ta' urġenza, bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun possibbli għall-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-Qasam tal-Farmakoviġilanza (KVRF) li jivvaluta studji li jindirizzaw tħassib dwar is-sikurezza għall-użu ta' prodotti mediċinali li ma jaqgħux taħt Awtorizzazzjoni ta' Tqegħid fis-Suq.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mis-Slovenja**<br>Is-Slovenja tappoġġa l-għanijiet ġenerali tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-farmakoviġilanza u d-Direttiva 2001/83/KEE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Mandankollu, is-Slovenja astjeniet mill-votazzjoni, minħabba li hi tkompli topponi l-Artikolu 126a tad-Direttiva.<br>Is-Slovenja hija partikolarment imħassba dwar l-effetti negattivi possibbli tal-applikazzjoni tal-Artikolu 126a. L-għan tal-Artikolu huwa li titjieb id-disponibbiltà tal-mediċini. Madankollu, is-Slovenja temmen li d-dispożizzjoni ser ikollha biss impatt limitat fuq din id-disponibbiltà, filwaqt li fl-istess ħin tista' potenzjalment tikkawża tħassib ieħor dwar is-saħħa pubblika, b'mod partikolari fi Stati Membri żgħar.<br>It-tħassib tas-Slovenja hu li għalkemm regolat bħala għażla, l-Artikolu 126a jista' joħloq rotta parallela biex is-suq ikun ipprovdut bi prodotti mediċinali waqt li jiġu evitati obbligi regolatorji importanti. Dan jista' jwassal għal penetrazzjoni mhux mixtieqa tal-prodotti mediċinali fis-swieq mingħajr ma jkunu rrispettati proċeduri regolari ta' awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq inklużi l-obbligi kollha tad-detentur tal-Awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq (ATS). Id-dispożizzjoni ma timplika l-ebda obbligu biex tittieħed responsabbiltà dwar il-farmakoviġilanza, ir-reklamar għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, it-trattament tal-varjazzjonijiet, it-tikkettjar, l-informazzjoni dwar il-pazjent, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u attivitajiet oħrajn normalment meħtieġa minn ATS. Għadu mhux ċar ukoll lil min għandhom jiġu indirizzati s-sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-acquis.<br>Is-Slovenja temmen li s-simplifikazzjoni tal-Artikolu 126a hija minn tal-inqas prematura, minħabba li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti, li hija kienet mistennija tagħmel diġà f'April 2008. Rapport bħal dan jippermetti diskussjoni komprensiva dwar modifika għas-sistema attwali. Is-Slovenja tistenna li l-Kummissjoni twettaq l-analiżijiet kollha adatti u abbażi ta' dan tieħu azzjoni ulterjuri biex tissolva l-kwistjoni tad-disponibbiltà ta' mediċini fi swieq żgħar. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-koperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 | PE-CONS 48/2/10 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief Astensjoni: SE |

**Dikjarazzjonijiet mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 48**

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li kwalunkwe dispożizzjoni ta' karattru mhux essenzjali tal-att leġislattiv bażiku, li issa huma elenkati fl-Artikolu 48 tar-Regolament (delega ta' setgħat), tista' fi kwalunkwe waqt fil-ġejjieni ssir element sinifikanti tal-iskema ta' kontroll eżistenti tan-NEAFC minn perspettiva politika, f'liema każ il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li kwalunkwe wieħed miż-żewġ leġislaturi, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew, jista' minnufih jeżerċita jew id-dritt ta' oġġezzjoni għal abbozz ta' att iddelegat tal-Kummissjoni jew id-dritt ta' revoka tas-setgħat iddelegati kif previst fl-Artikolu 46b u l-Artikolu 46c tar-Regolament rispettivament.
2. Il-Kunsill u l-Parlament jaqblu li l-inklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-iskema ta' kontroll tan-NEAFC f'dan ir-Regolament bħala element mhux essenzjali, issa elenkata taħt l-Artikolu 48, ma timplikax per se li t-tali dispożizzjonijiet awtomatikament jitqiesu mil-leġislaturi bħala ta' natura mhux essenzjali fi kwalunkwe Regolament fil-ġejjieni.
3. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet rigward l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 TFUE jew għal atti leġislattivi individwali li jkun fihom tali dispożizzjonijiet.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tesprimi tħassib li s-setgħat limitati ddelegati lilha mill-koleġislaturi jistgħu jxekklu l-implimentazzjoni f'waqtha fil-liġi tal-UE ta' miżuri meħudin fil-ġejjieni mill-NEAFC li jirrieżaminaw jew jaġġornaw l-iskema ta' kontroll ta' din l-Organizzazzjoni.

Il-Kummissjoni għalhekk tiddikjara li tqis lil dan ir-Regolament bħala bla ħsara għal kull pożizzjoni fil-ġejjieni tal-istituzzjoni fir-rigward tar-rikors għall-Artikoli 290 u 291 TFUE għat-traspożizzjoni ta' miżuri tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirriżerva wkoll id-dritt li tipproponi emendi lir-Regolament li jżidu n-numru ta' miżuri li għandhom jiġu adottati b'atti delegati jew implimentattivi fil-każ li t-traspożizzjoni bis-saħħa tal-proċedura leġislattiva ordinarja twassal għal dewmien li jimmina l-kapaċità tal-UE li twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Isvezja**<br>L-Isvezja tastjeni sabiex ma timpedixxix ftehim unanimu fil-Kunsill.<br>L-Isvezja tqis li dan huwa meħtieġ bi proċedura rapida ta' emendi sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha. Dan il-prinċipju għadu miżmum mill-Isvezja fid-dawl tal-fatt li għandu jintuża l-prinċipju tal-atti delegati. Hija l-fehma tal-Isvezja li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ftehimiet internazzjonali implimentattivi u bħala tali diġà vinkolanti, li fihom ħadet sehem l-Unjoni Ewropea, għandhom jitqiesu bħala mhux essenzjali. Għalhekk l-Artikolu 48 tar-Regolament inkwistjoni jista' jiġi ddelegat lill-Kummissjoni.<br>Madankollu, l-Isvezja ma tixtieqx timpedixxi ftehim unanimu fil-Kunsill u għalhekk qed tastjeni. | | | |
| Regolament Nru 1210/2010 (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni | PE-CONS 38/1/10 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| 2010/809/UE: Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2010 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/014 SI/Mura mis-Slovenja) | 15270/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>NOVEMBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| 2010/811/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2010 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/018 DE/Heidelberger Druckmaschinen mill-Ġermanja) | 15073/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| **INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN NOVEMBRU 2010** | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3043 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Novembru 2010** | |
| 2010/687/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar dwar ir-riammissjoni ta’ persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>10248/10 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija u r-rispons fil-każ ta' attakk CBRN<br>15465/10 | |
| Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar ENFAST - Netwerk Ewropew għall-Iskwadri ta' Tiftix Attiv ta' Persuni Maħrubin<br>15382/10 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja<br>15358/10 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet innovattivi rigward finanzjament għall-prevenzjoni ta' diżastri<br>14971/10 | |
| Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-forniment ta' parkeġġi siguri għat-trakkijiet<br>10937/4/10 REV 4 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2010/682/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fis-Slovakkja<br>14616/10<br><br>2010/689/: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-Data dwar id-DNA fis-Slovakkja<br>14606/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' riskji għas-saħħa u riskji soċjali assoċjati mal-użu ta' drogi illeċiti f'ambjenti rikreattivi<br>15452/10<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/677/PESK tat-8 ta' Novembru 2010 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 98/409/PESK li tikkonċerna s-Sierra Leone<br>14864/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2010 dwar il-Politiki tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp u l-Assistenza Esterna u l-Implimentazzjoni tagħhom fl-2009<br>14908/10<br><br>2010/676/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<br>14204/10 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni<br>13607/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja<br>15358/10<br><br>**It-3045 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-17 ta' Novembru 2010**<br><br>2010/740/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/024 NL/Noord Holland u Zuid Holland, Diviżjoni 58 mill-Olanda)<br>14399/10<br><br>2010/744/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Olanda)<br>14401/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2010/741/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland Diviżjoni 18 mill-Olanda)<br>14403/10 | |
| 2010/742/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/028 NL/Limburg Diviżjoni 18 mill-Olanda)<br>14406/10 | |
| 2010/743/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18 mill-Olanda)<br>14397/10 | |
| 2010/746/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/030 NL/Drenthe Diviżjoni 18 mill-Olanda)<br>14395/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1030/2010 tas- 17 ta' Novembru 2010 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>15392/10<br><br>Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1064/2010 tas-17 ta’ Novembru 2010 li jġib fit-tmiem ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping u kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta’ tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja<br>15414/10<br><br>Linji Gwida dwar il-Protezzjoni Konsulari taċ-Ċittadini tal-UE f'Pajjiżi Terzi<br>15613/10<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/694/PESK tas-17 ta’ Novembru 2010 dwar l-ilqugħ temporanju ta’ ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea<br>14139/10<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2011, inkluż l-ewwel pagament għall-2011<br>15831/10 + REV 1 (ro)<br><br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-15 ta' Marzu dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Firxa Wiesgħa għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u tal-Formazzjoni tal-Ożonu fil-Livell tal-Art<br>13719/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Klima<br>17074/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-pensjonijiet<br>15885/10 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE<br>15908/10<br><br>**It-3046 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT), li saret fi Brussell fit-18 u d-19 ta' Novembru 2010**<br><br>2010/757/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 għan-nomina tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2015 fil-Belġju<br>15168/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014<br>15472/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kultura fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali<br>15448/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-patrimonju ċinematografiku Ewropew, inklużi l-isfidi tal-era diġitali<br>14711/10 + REV 1 (bg) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar l-opportunitajiet u l-isfidi għaċ-Ċinema Ewropea fl-Era Diġitali<br>15449/10<br><br>Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar id-Djalogu Strutturat tal-UE dwar l-Isport<br>15214/10 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar l-irwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva<br>15213/10 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill Dwar ir-rwol tal-UE fil-ġlieda internazzjonali kontra d-doping<br>16009/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-perijodu 2011-2020<br>15010/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva 'Żgħażagħ f'Moviment' - approċċ integrat bi tweġiba għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ<br>15276/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-ħiliet bażiċi fil-kuntest tal-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel għas-seklu 21<br>14948/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-edukazzjoni għal żvilupp sostenibbli<br>14947/1/10 REV 1<br><br>Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ<br>14847/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għall-kultura<br>14849/1/10 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-Aġendi tal-Politika Ewropej u Internazzjonali dwar it-Tfal, iż-Żgħażagħ u d-Drittijiet tat-Tfal<br>14846/10 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3047 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010**<br><br>2010/710/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2010 li tawtorizza lill-Ġermanja, lill-Italja u lill-Awstrija jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE u li temenda d-Deċiżjoni 2007/250/KE biex jiġi estiż il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni mogħtija lir-Renju Unit<br>15373/10 | |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Meta jawtorizza deroga skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE li tippermetti l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' "reverse charge" bħala miżura biex jaġixxi b'mod urġenti kontra l-frodi li tirriżulta f'telf konsiderevoli ta' taxxi, il-Kunsill jikkonferma l-karattru eċċezzjonali tal-miżura u l-intenzjoni li jimponi limitu ta' żmien għall-applikazzjoni tagħha.
Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li ssir diskussjoni dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' "reverse charge" fil-ġlieda kontra tipi speċifiċi ta' frodi. Meta jeżamina l-parti li fadal mill-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2009, il-Kunsill jimpenja ruħu li jiżgura konsiderazzjoni adegwata ta' dawk il-provvisti li għalihom l-Istati Membri jipprovdu evidenza kemm li l-frodi tirriżulta f'telf konsiderevoli ta' taxxi fl-Istati Membri, kif ukoll li l-mekkaniżmu ta' "reverse charge" huwa għodda effettiva biex tiġi ttrattata din il-problema.

**Dikjarazzjoni minn Franza**
Franza tikkunsidra li l-miżuri eċċezzjonali meħudin f'din id-Deċiżjoni, abbażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112, ma għandhomx jinkludu fl-ambitu ta' applikazzjoni tagħhom, kompjuters personali u l-komponenti u l-aċċessorji tagħhom billi s-suq ta' dan l-apparat ma jippreżentax karatteristiċi li jistgħu jillimitaw l-impatt potenzjalment ta' ħsara ta' mekkaniżmu ta' "reverse charge", għall-kuntrarju ta' GSM u ċirkwiti integrati fi stadju qabel jiġu integrati fi prodotti għall-utent aħħari.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata<br>15179/10<br><br>**It-3048 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010**<br><br>2010/726/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Novembru 2010 dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea<br>12550/2/07 REV 2<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan<br>16877/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu<br>16725/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq<br>16840/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3049 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU), li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Novembru 2010**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-effettività tal-iskemi ta' sostenn għall-Istudji fid-Disinn u l-Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda taħt is-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka<br>15267/10<br><br>Riżoluzzjoni tal-Kunsill: "Sfidi globali: nieħdu vantaġġ sħiħ mis-sistemi spazjali Ewropej"<br>16864/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020: "Unjoni tal-Innovazzjoni": Inħaffu t-trasformazzjoni tal-Ewropa permezz tal-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel malajr<br>17165/10<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Progress fil-proċess ta' Pprogrammar Konġunt<br>17166/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3050 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2010** | |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Konġunt rigward l-emendar tal-Appendiċi 1, 2, 5, 6, 10 u 11 tal-Anness 11 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli<br>15674/10 | Maġġoranza kwalifikata<br>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: IT |
| **Dikjarazzjoni mill-Italja**<br>Waqt li tisħaq dwar ir-relazzjonijiet tajba li jeżistu mal-Federazzjoni Svizzera u l-isforzi li dak il-pajjiż għamel fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni veterinarja nazzjonali tiegħu ma' dik tal-Komunità, l-Italja ma taqbilx mal-oppożizzjoni tal-Kummissjoni għal dikjarazzjoni fil-minuti dwar it-tiġdid mhux mixtieq tad-deroga rigward l-ittestjar tat-Trichinella ta' laħam ta' ħnieżer domestiċi fi stabbilimenti tal-qtil b'kapaċità baxxa. Id-deroga għandha tiskadi fid-data stabbilita fil-proposta ta' hawn fuq.<br>L-Italja tikkunsidra li, skont id-definizzjoni tagħha, deroga timplika li għandu jiġi stabbilit limitu ta' żmien fuq il-perijodu transizzjonali, u mhux li għandha tiġi mġedda ripetutament u b'mod indefinit.<br>L-Italja tgħid li l-Federazzjoni Svizzera diġà ngħatat perijodu transizzjonali inizjali u li l-deroga tagħtiha possibiltà li mhijiex miftuħa għall-Istati Membri tal-UE.<br>Għal dawn ir-raġunijiet, l-Italja ma tistax tappoġġa l-proposta li qed tiġi eżaminata u qed tastjeni. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: It-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE - Dokument ta' Strateġija dwar l-Enċefalopatiji Sponġiformi Trasmissibbli għall-2010 - 2015<br>13889/10 ADD1 REV 1 +ADD1 REV 1 COR 1 (lv) + ADD1 REV 2 (da) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates<br>15620/1/10 ADD 1 REV 2 +ADD 1 REV 2 COR 1 (es) +ADD 1 REV 3 (sv) +ADD 1 REV 4 (fr) | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: DE |
| **Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Rumena**<br>Ir-Rumanija tappoġġa, fil-prinċipju, it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-klieb u l-qtates u hija kunfidenti li l-istudji li ser isiru mill-Kummissjoni ser jenfasizzaw l-aħjar soluzzjonijiet għall-problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali domestiċi.<br>Wara eżaminazzjoni bir-reqqa tar-referenzi dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-klieb u l-qtates, ir-Rumanija tikkonsidra li aktar impenji fir-rigward ta' sforzi finanzjarji u amministrattivi, li jeċċedu dawk attwali, mhumiex ġustifikati.<br>Sabiex tiżgura l-appoġġ u l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini Rumeni fil-politiki kollha li jimmiraw lejn it-tnaqqis fin-numru ta' annimali abbandunati, ir-Rumanija tikkunsidra bħala importanti li kwalunkwe soluzzjoni proposta għandha tkun kosteffettiva, sempliċi u skont id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar l-ipproċessar tad-data personali. | |
| 2010/783/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros<br>15571/10 | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1212/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros<br>15573/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1124/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2011 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku<br>15986/10 | L-Istati Membri kollha favur |

**1. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad pjani fit-tul**

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni ta' inizjattiva fi kwistjonijiet leġislattivi, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan fit-tul għall-ġestjoni tal-istokkijiet pelaġiċi u s-salamun fil-Baħar Baltiku hekk kif ikun prattiku.

**2. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad stokkijiet pelaġiċi**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li huwa adatt li jiġu stabbiliti t-TACs għall-istokkijiet pelaġiċi fis-snin 2011-2015 kif meħtieġ sabiex sal-2015 jinkiseb ir-Rendiment Massimu Sostenibbli tas-Sajd (FMSY).

**3. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar Ad evalwazzjoni tal-pjan tal-merluzz**

Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 l-Kummissjoni ser tkompli tevalwa l-impatt tal-miżuri ta' ġestjoni fuq l-istokkijiet tal-merluzz u f'dan ir-rigward talbet parir xjentifiku mis-STECF dwar ir-rata ta' progress lejn il-miri tal-pjan. L-evalwazzjoni ser tiġi kkomunikata lill-Istati Membri u ser tifforma l-bażi għal aktar diskussjoni dwar il-ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet pelaġiċi fil-Baħar Baltiku kif adatt.

**4. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad sistema ta' sforz għall-merluzz**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li huwa opportun li sa Marzu 2011 jekk ikun possibbli u abbażi tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri kkonċernati jiġi analizzat jekk il-flessibbiltà għall-allokazzjoni nazzjonali tal-jiem assenti mill-port tista' tingħata f'konformità mal-pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007).

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni ta' inizjattiva fi kwistjonijiet leġislattivi, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi emenda rispettiva tar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd kif adatt.

**5. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad qabdiet inċidentali (Artikolu 6)**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jirrikonoxxu li speċijiet mhux fil-mira jiġu inevitabbilment irrappreżentati bħala qabda inċidentali fl-iżbarki mhux magħżulin tas-sajd tal-aringi u l-laċċa kaħla bl-użu tax-xbiek tat-tkarkir, għeżula Daniżi jew irkapti simili b'daqs tal-malji ta' inqas minn 32mm u li dawn il-qabdiet inċidentali jeħtieġ li jiġu kkwantifikati sabiex 'il quddiem jiġu stabbiliti livelli adatti tat-TAC.

L-Istati Membri li jużaw tali rkaptu ser jiżguraw il-kampjunar adatt tad-data tal-qabdiet inċidentali f'dawn is-sajdiet u jipprovdu d-data rispettiva lill-ICES u lis-STECF fl-2011.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**6. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad Sajd kompletament dokumentat**

Il-Kummissjoni tilqa' l-inizjattiva dwar is-sajd kompletament dokumentat bħala mod possibbli biex jitnaqqas ir-rimi tal-ħut. L-estensjoni tagħha għall-Baltiku tista' tkun għażla interessanti u l-Kummissjoni taqbel li jiġi evalwat il-potenzjal ta' din l-inizjattiva għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni ta' inizjattiva fi kwistjonijiet leġislattivi, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi emenda għar-regolament tal-opportunitajiet tas-sajd biex jiġi introdott primjum tal-kwota bħala inċentiv għall-introduzzjoni ta' din is-sistema jekk titqies adatta skont il-parir tas-STECF mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva.

**7. Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Ad Aringi tal-Punent tal-Baltiku**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li fl-2011 jeħtieġ li jinkiseb tnaqqis tal-mortalità mis-sajd għall-istokk tal-Aringi tal-Punent tal-Baltiku li Jorqoq fir-Rebbiegħa f'konformità mal-parir xjentifiku u li jeħtieġ li jiġi applikat tnaqqis ugwali għaż-żewġ żoni ta' ġestjoni sakemm jinkiseb l-eżitu tan-negozjati man-Norveġja għaż-żona ta' ġestjoni IIIa.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonkludu li l-pjan prospettiv ta' ġestjoni fit-tul għall-ispeċijiet pelaġiċi u deċiżjonijiet futuri tat-TAC għandhom jieħdu kont sħiħ tal-parir xjentifiku rilevanti dwar id-distribuzzjoni tal-aringi tal-Punent tal-Baltiku li jorqoq fir-rebbiegħa fis-suddiviżjonijiet 22-24 u fiż-żona IIIa.

**8. Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Ad Laċċa kaħla**

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra data xjentifika addizzjonali li għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri u, jekk adatt, biex tippreżenta proposta għall-emendar ta' dan ir-Regolament.

| | |
|---|---|
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 tad- 29 ta’ Novembru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta’ tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan<br>15912/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>NOVEMBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2010/748/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>15941/10 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Italja**<br>L-Italja tikkunsidra li - biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tad-Direttiva tal-VAT 2006/112/KE u trattament ugwali fost l-Istati Membri - meta deroga tkun awtorizzata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE u tinkludi dispożizzjoni għal estensjoni ulterjuri possibbli fid-data ta' skadenza, din id-deroga għandha dejjem tistabbilixxi li t-talba għal prolungazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri kkonċernati mill-inqas 9 xhur qabel id-data ta' skadenza. | |